MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2001

Numru. 18/1995
Kawza Numru. 16

Il-Pulizija
(Spt. Peter Cordina)

vs

Emmanuel Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Emmanuel Zammit ta' 26 sena, bin Julian u Dorothy nee Grima, mwieled Pieta, Karta tal-identita' numru 313568 (M) talli fil-post magharuf bhala l-Gholja tal-Gordan f'Ghawdex fl-20 ta' April 1995 ghal habta ta' 8.30am, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra membri tal-Pulizija u Spetturi tal-ambjent li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-

esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, bi ksur tal-artikolu 96 u 98 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti intalbet li barra millli taghti il-piena, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-8 ta' Mejju, 1995 skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti semghet kif ufficcjali tal-Pulizija kienu fil-post mgharuf bhala l-Gholja ta' Gordan f'Ghawdex ghall-habta tat-8.30 am meta ntlemhu xi kaccaturi, wiehed minnhom taht l-irdum, u l-Pulizija flimkien mal-ispetturi tal-Administrative Law Enforcement ghajtulu biex ikellmuh. WPS 45 qalet li rat lill-imputat jarmi xi haga mal-art u wara ftit rat lill-inspector Stanley Gatt jitlob is-senter lill-imputat li beda riesaq lura u jimbotta lill-ispettur. Rat ukoll in-nuccali u r-radio li kellu PC40 jaqghu mal-art. Nel frattempt wasal PC 888 li zamm lill-imputat minn wara u malli wasal l-ispettur tal-ambjent Mario Gauci, l-imputat ipponta is-senter lejn zaqq PC 888 u ma' din il-manuvra, l-imputat tqieghed mal-art, ittihidlu s-senter li nstab li kellu erbat iskratac fih. Wara irrizulta illi l-oggett li kien rema l-imputat kienet gakketta;

Fil-verzjoni ta' Mario Gauci, mkien ma jissemma l-episodju li l-imputat ipponta is-senter f'zaqq PC 888, anzi l-istess Mario Gauci jghid li l-imputat ipponta is-senter lejh u mhux lejn is-Sur Gatt u li kien l-istess Gauci li hataflu l-kanna tas-senter u mbuttajielu 'l fuq. Mario Gauci esprima dubju ukoll dwar min skarga s-senter.

Il-verzjoni ta' Stanley Gatt ukoll tvarja xi ftit mit-tnejn ta' qablu meta jghid li Mario Gauci kien gia fuq il-post tal-

incident u l-imputat dawwar is-senter bic-chip ippuntat lejn PC40 u ipprova jsawtu bih u l-istess imputat beda jimbotta lis-sur Gatt bis-senter. Wara li kkalmat l-affari, PC888 skarga skartocc mis-senter. WPS45 qaltilhom li ratu jarmi xi haga u bdew jghamlu search meta Emanuel Zammit qalilhom li kien ghad fadal xi skratac fis-senter meta allura is-sur Gatt, li kien qed izomm is-senter, tah lill-imputat sabiex jiskargah u hareg tlett iskratac ohra. Mario Gauci qal li s-senter ttiehed mill-Pulizija ghaliex bhala arma huwa ma ghandux gurisdizzjoni fuqha. Issa, l-ispettur tal-ambjent Stanely Gatt jghid li l-arma kien ha pussess taghha hu minn idejn l-imputat. Dan ix-xhud jghid li s-senter kellu b'kollox erba skratac fih. Dan ix-xhud qal li l-incident inqala' meta WPS45 rat lill-imputat miexi f'ghalqa. Meta avvicinawh l-pulizija u l-ispetturi, l-imputat qalilhom li l-ghalqa kienet tieghu u ghalhekk ma kellhomx dritt ikunu hemm. Minkejja dan, hu kellu licenzja u kien qed jikkaccja fi zmien l-istagun miftuh. Dan ix-xhud qal ukoll li PC 888 nehha l-iskartocc mill-bridge tas-senter peress illi bi skartoc fil-bridge, is-senter ikun ferm perikoluz. Dan irrenda is-senter safe u filwaqt illi l-imputat kien qed ikun eskortat mill-pulizija, dan qalilhom li kien ghad fadal skratac ohra fil-magazine. S-sur Gatt ikkonferma illi huwa u l-ispetturi l-ohra marru fuq l-imputat ghaliex WPS45 innotat bniedem miexi fl-ghelieqi u kien l-imputat stess li qalilhom li ma kellhomx jedd jidhlu hemm ghax l-ghelieqi kienu tieghu.

PC40 xehed illi l-post fejn kien qed jikkaccja l-imputat kien riservat fis-sens illi mhux suppost kien qieghed bis-senter ghal-kacca f'dawk l-inhawi u aktar illi wara li kien intercettah Stanley Gatt, ix-xhud wasal wara l-imputat u rah ipprova jehodlu s-senter li kien qed jirrezisti lis-Sur Gatt milli jehodulu.

L-imputat xehed illi huwa kien qieghed ghall-kacca fl-ghalqa tieghu stess waqt l-istagun miftuh. Huwa kien qieghed wahdu izda fl-inhawi kien hemm kaccaturi ohrajn. Hu kien taht is-sies meta sema xi nies jitkellmu minn fuqu. Hu ttawwal u ra nies lebsin l-iswed minghajr uniformi. Hu baqa ghaddej bl-affarijiet tieghu u appena nizel ghat-thermos WPC45 qaltlu biex ma jiccaqlaqx ghax kien

arrestat u meta staqsiha ghaliex irrispondietu li kienet ser titlaqlu l-kelb u li ried ikellmu l-ispettur l-ghassa. Malli ra wiehed mill-Pulizija gej lejh ghazel li jmur hu biex jurih il-licenzja tal-kacca u li kellu kollox f'postu izda il-Pulizija hataflu is-senter minn idu. L-imputat xehed dwar il-mod kif kien cirkondat mill-Pulizija u kif kien hu li skarga s-senter ghaliex il-Pulizija ma setghux jisgargawh huma u li wiehed minnhom xejjirlu daqqa ta' bonn u ghamillu "black eye". L-imputat xehed illi wara maltrattament kontinwu u meta kien mdawwar bil-pulizija cempel it-telefon cellulari ta' wiehed minnhom u sema is-segwenti diskors: "Ghidilha lil Marisa ha niftiehmu qabel ma mmorru l-ghassa" u is-surgent daret u tat daqqa lil mobile, wadbitu mal-art u qaltlu: "Ghidlu jaqtahha ghax l-imputat hawn qieghed, qed jisma kollox". ( Fol 172). L-imputat qal li dak in-nhar il-Pulizija kellhom gakketta sewda li jilbsu fix-xita u mhux l-ilbies normali u ma kellhomx berritta.

L-imputat esebixxa certifikat mediku mahrug fl-20 ta' April, 1995 minn Dr. John Zammit Montebello li juri li sofra trawma f'ghajnejh il-leminija u dan in-sostenn tal-allegazzjoni tieghu li qala daqqa ta' pponn mill-pulizija.

L-imputat ipproduca xhieda li ddeskrivew ix-xena tal-incident b'mod dettaljat kif deskritta mill-istess imputat. Joseph Gera u Angelo Borg kienu qed jikkaccjaw mal-imputat u mid-deposizzjoni taghhom, in succint, jirrizulta illi dawn it-tlieta kienu qieghdin hemm fil-kwiet meta f'salt wiehed tfaccaw dawn il-Pulizija u qabzu fuq l-imputat bis-surgent tghajjat biex ma jiccaqlaq ghaxliex inkella titlaqlu l-kelb.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-verzjonijiet kollha tax-xhieda prodotti jirrizulta illi jezistu diversi verzjonijiet da parti tal-prosekuzzjoni li ma jaqblu xejn bejnithom. Fl-ewwel lok jehtieg ikun stabilit jekk l-imputat ghamilx l-azzjoni lamentata xjentement o meno. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat inhasad meta kien qed jikkaccja ghall-affari tieghu fi hwejgu u b'mod legittimu u li kellu kollox in

regola. Il-Pulizija, li ma kienux liebsin b'mod li jingharfu li kienu Pulizija, naqsu li jidentifikaw ruhhom meta intercettaw lill-imputat li sakemm indunu min kienu li gew fuqu rrejagixxa b'mod evaziv. L-intenzjoni tal-imputat ghalalhekk ma kienitx wahda kriminuza u dan hi konvinta minnu l-Qorti wara li semghet lix-xhieda kollha u wara li hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni stess juru li hemm nuqqas serju ta' qbil dwar lejn min kien ippuntat is-senter kif allegat mill-istess prosekuzzjoni. Ftit hemm x'wiehed jista' jghid dwar id-divergenzi ta' dawn ix-xhieda ghaliex dan qaluh huma stess u fi proceduri kriminali jehtieg dejjem li l-prova tkun cara u bla tlaqliq.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dak allegat mill-prosekuzzjoni ma hu bl-ebda mod pruvat. Ghaldaqstant qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------